MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2012

Mandat Numru. 1540/2012/1

**Saviour Pisani (ID 964644M)**

***kontra***

**Entertainments Limited (C25687)**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors prezentat fit-12 ta` Ottubru 2012 fejn, ghar-ragunijiet hemm indikati u debitament konfermati bil-gurament mir-rikorrent, huwa talab lil din il-Qorti sabiex izzomm lill-kumpannija intimata milli tbiegh, tnehhi, tittrasferixxi jew tiddisponi *inter vivos* sew b`titolu oneruz jew gratuwitu xi propjeta`, u b`mod partikolari –

*Il-fondi u cioe` [1] il-mezzanin sovrappost ghal proprjeta` ta` terzi, bin-numru wiehed u tletin (31), fi Triq*

*Anastasio Cuscheri gia` maghrufa bhala New Borg Street, Birkirkara, liberu u frank, bid-drittijiet u giustijiet tieghu kollham nkluza l-arja relattiva; [2] l-appartament internament bin-numru tnax (12) formanti parti minn blokk appartamenti bl-isem "Saint Mary Flats" li jinsab go Triq Andrew Cunnigham, li taghti fuq Triq l-Istamnar, Qawra, limiti ta` San Pawl il-Bahar, kif ukoll parti indiviza tal-partijiet komuni tal-istess blokk appartamenti u cioe` l-bieb ta` barra, entratura, tarag, tromba tat-tarag, lift, sistema tad-dranagg, flimkien mal-uzu tal-bejt.*

Rat id-digriet taghha tat-12 ta` Ottubru 2012 li bih laqghet it-talba tar-rikorrent provvizorjament, ordnat in-notifika tal-atti lill-kumpannija intimata bi zmien ghaxart (10) ijiem zmien ghar-risposta, u fejn appuntat ir-rikors ghas-smigh ghall-udjenza tat-23 ta` Ottubru 2012 fit-03.00 p.m.

Rat id-dokumenti prezentati mir-rikorrent.

Rat illi ghalkemm l-kumpannija intimata kienet notifikata fis-26 ta` Ottubru 2012, baqghet ma pprezentatx risposta.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-lum.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tal-lum fejn halliet ir-rikors ghad-digriet *in camera*.

**Ikkunsidrat** :

Ir-rikorrent ressaq it-talba tieghu skond l-**Art. 874 tal-Kap. 12**.

Ir-rikorrent ikkonferma bil-gurament tieghu l-kreditu li tieghu qed jippretendi l-hlas mill-kumpannija intimata

Jirrizulta li l-allegat kreditu tar-rikorrent jeccedi fiz-zgur l-ammont indikat fl-Art.874(1) tal-Kap.12.

Hadet nota tal-fatt illi l-kumpannija intimata ghazlet li ma tipprezentax risposta.

Din il-Qorti tghid illi huma sodisfatti r-rekwiziti li trid il-ligi ghall-hrug tal-mandat skond l-Art.874 tal-Kap.12.

**Ghar-ragunijiet fuq premessi, din il-Qorti qeghda –**

**1) Tilqa` t-talba tar-rikorrent.**

**2) Tordna l-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni kontra l-kumpannija intimata sabiex la tbiegh, la tnehhi, la tittrasferixxi jew tiddisponi *inter vivos* sew b`titolu oneruz jew gratuwitu tal-fondi li gejjin –**

**[1] il-mezzanin sovrappost ghal proprjeta` ta` terzi, bin-numru wiehed u tletin (31), fi Triq Anastasio Cuscheri gia` maghrufa bhala New Borg Street, Birkirkara, liberu u frank, bid-drittijiet u giustijiet tieghu kollham nkluza l-arja relattiva; [2] l-appartament internament bin-numru tnax (12) formanti parti minn blokk appartamenti bl-isem “Saint Mary Flats” li jinsab go Triq Andrew Cunnigham, li taghti fuq Triq l-Istamnar, Qawra, limiti ta` San Pawl il-Bahar, kif ukoll parti indiviza tal-partijiet komuni tal-istess blokk appartamenti u cioe` l-bieb ta` barra, entratura, tarag, tromba tat-tarag, lift, sistema tad-dranagg, flimkien mal-uzu tal-bejt.**

**3) Ghall-fini tal-Art. 874(3) tal-Kap. 12, tahtar lin-Nutar Pubbliku Dottor Daniela Mercieca sabiex, ghas-spejjez tar- rikorrent, tinnotifika dan il-Mandat ta` Inibizzjoni, fi zmien erbgha u ghoxrin (24) siegha lid-Direttur tar-Registru Pubbliku u lir-Registratur ta` l-Artijiet li ghandhom minnufih jiktbuh f`registru li jzomm ghal daqshekk.**

**4) Tordna lill-kumpannija intimata sabiex thallas l-ispejjez kollha ta` dan il-prosediment.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------